Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell:- 132/2010

**Vivien Buckley Palmer (ID 369581M) (appellanti), Maria Peterson (ID 450336M), Margaret Micallef (ID 356302L) u Margaret Higgins (ID 45218A)**

**vs**

**Happy Paws Charity Organisation and Maike Beekman (appellati)**

Il-Ġimgħa, 14 t'Ottubru 2016

L-attrici, flimkien ma' oħrajn li m'appellawx, permezz ta' rikors promotur ippreżentat fit-22 ta April 2010 talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-intimati jhallsuhom danni li sofrew meta attribwewlhom, bhala ex-membri tal-kumitat Happy Paws Charity Organisation, fatti determinanti u allegazzjonijiet bl-iskop li jnaqqsu r-reputazzjoni taghhom, u dana permezz ta' żewġ artikoli ppubblikati fuq il-website www.happypaws.org.mt.

L-ewwel stqarrija kienet pubblikata fis-7 ta' Gunju 2009 fejn intqal:

> *"The last news is, that two of our ex-committee members changed the lease contracts for BOTH Happy Paws Charity shops into their own names and informed us that no income would be coming to the clinic anymore. This AFTER they resigned. We hold them responsible for our struggle now to keep the clinic open."*

It-tieni stqarrija gie ddikjarat:

> *"But since the ex-committee members unceremoniously changed the locks, took over the leases, dumped the contents of one of our shops in front of the Clinic and told us that the revenue of both shops would no longer be going to Happy Paws, we had a problem."*

Fit-23 ta' Gunju 2010 il-konvenuti wieġbu illi t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.

B'sentenza tal-14 ta' Lulju 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) cahdet it-talba tal-atturi wara li osservat:

> *"Jidher car mill-provi prodotti illi, waqt illi hija kienet ghadha fil-kapacita taghha ta' President, izda wara illi kienet iddikjarat li ma riditx tahdem aktar fi hdan l-ghaqda flimkien mal-intimata Maike Beekman, kienet marret ghand sid il-hanut ta' San Pawl il-Bahar u, filwaqt illi tterminat il-kirja minghajr ma nfurmat lill-Vici President tal-ghaqda, ossija Maike Beekman, dawwret il-kirja tal-istess hanut fuq isimha.*
>
> *Jidher car mill-provi wkoll illi, persuna ohra illi ma jinkwadrax fil-kawza odjerna, izda li kien ffurma l-ghaqda originalment, Tom Broome, kien termina l-kirja ta' San Gwann*

*ftit wara ili kien gie deciz illi hu, flimkien mal-erbgha rikorrenti, ma jibqghux jahdmu mal-intimata.*

*Jidher car finalment, illi fis-27 ta' April 2009, kif stqarret Margaret Micallef f'email taghha stess, huma kien hargu l-affarijiet kollha tal-organizazzjoni mill-hanut ta' San Gwann u tefghuhom barra l-bieb tal-klinika illi kellha l-ghaqda gewwa l-Marsa.*

*Ikkunsidrat.*

*Ezaminat il-kontenut taz-zewgt artikoli li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti, il-qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi kull ma kien inkiteb f'dawk iz-zewgt artikoli kien kollu veru u ghalhekk certament ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti."*

L-attrici Vivien Buckley Palmer appellat, bl-aggravji li l-ewwel qorti:

1. waslet għall-konklużjoni żbaljata li l-fatti allegati fil-pubblikazzjoni in kwistjoni huma veri, billi ma qisitx sewwa l-provi;

2. stqarret li l-atturi kienu qegħdin jabbużaw mis-sistema legali Maltija. Huwa dritt li min ikollu kwistjoni jirrikorri għall-Qorti. Jekk jirriżulta li m'għandux raġun, b'daqshekk ma jfissirx li jkun qiegħed jabbuża mid-dritt tiegħu.

Il-konvenuti wieġbu li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti li tkun fl-aħjar pożizzjoni li tapprezzahom. Sewwa sabet l-ewwel Qorti li l-fatti allegati ġew kollha ppruvati.

Il-Qorti tinnota li fir-rikors tal-appell l-attrici rrepetiet is-sottomissjonijiet li għamlet quddiem l-ewwel qorti, u li gew ikkunsidrati fis-sentenza.

**Konsiderazzjoni.**

1. Din il-Qorti ezaminat qrat l-atti u tikkonkludi li ma ssib xejn fl-ilmenti tal-attrici li jista' jikkonvinciha li hemm xi raguni gravi li jistghu jwassluha biex tiddisturba d-diskrezzjoni li ghandha l-qorti fl-apprezzament tal-provi.

2. Hu fatt li mill-provi rrizulta li:

   i. Happy Paws Charity Organization kienet tikri fond f'San Pawl il-Bahar (fol. 97) u iehor f'San Gwann (fol. 100). Fil-kaz tal-fond ta' San Pawl il-Bahar, kienet iffirmat l-attrici. Ghalkemm l-attrici qalet li l-kirja saret f'isimha (fol. 129), fil-kuntratt jinghad *"Representing Happy Paws Charitable Organization"*. Ghalhekk l-attrici ffirmat il-kuntratt bhala mandatarja tal-organizazzjoni u mhux f'isimha personali. Dan kif jirrizulta wkoll mill-iskrittura li ffirmat fl-14 ta' April 2009 u li biha tterminat il-kirja tal-fond ta' San Pawl il-Bahar.
   ii. F'laqgha li saret 3 ta' April 2009, li ghaliha kienu prezenti Tom Broome, l-attrici, Mario Peterson, Margaret Micallef u Margaret

Higgins, kienet ittiehdet id-decizjoni li ma jkomplux jahdmu mal-konvenuta, Robert Mifsud u Lino Mintoff. Inoltre dawk prezenti ddecidew li *"Tom Broome and Mario Peterson would remove their names from the lease on the San Gwann shop and Vivian Camilleri Palmer (as President of the Organisation) has been given approval to finalise the lease on the shop in Toni Bajada Street."* (fol. 33). Dakinhar stess l-imsemmija persuni ffirmaw dikjarazzjoni fejn awtorizzaw lill-attrici sabiex tittermina l-kirja tal-fond ta' San Pawl il-Bahar (fol. 34);

iii. Permezz ta' ittra datata 6 ta' April 2009 (fol. 106), Tommy Broome u Maria Peterson infurmaw lill-Happy Paws li kienu qeghdin jirrizenjaw mill-organizazzjoni u li ma kellhomx iktar x'jaqsmu maghha. Fl-ahhar paragrafu jinghad: *"Should you wish to take over the said lease, please contact either Mr Broome or Ms Peterson within one week from receipt of this letter. Failure to do so will result in the termination of the lease. The landlord will be duly notified accordingly."*

iv. Permezz ta' email datata 10 ta' April 2009, il-konvenuta nfurmat lil Mario Peterson li riedu li l-kirja tal-fond ta' San Gwann iddur f'isimhom (fol. 107);

v. Fl-14 ta April 2009 l-attrici f'isem Happy Paws Charity Organization kienet itterminat il-kirja tal-fond numru 50, Triq Toni Bajjada, San Pawl il-Bahar (fol. 35). L-attrici regghet kriet il-fond f'isimha personali;

vi. Fl-20 ta' April 2009, l-attrici u Mario Peterson kitbu ittra lill-konvenuta Beekman, Lino Mintoff u Robert Mifsud fejn infurmawhom, *"Since the shop in St Paul's Bay is in Vivien Camilleri-Palmer and Mario Peterson's name (with no mention of Happy Paws), whe have decided that we no longer wish to give any money raised to your organization. We have obviously, taken legal advice on this matter and are informed that we are within our rights to donate the money raised from our shop to any other worthwhile cause, so long as we remain a non-profit making organization."* (fol. 99).

vii. Fl-24 ta' April 2009 il-fond ta' San Gwann inghata b'kera lil Michael Joseph u Margaret Elizabeth konjugi Higgins u lil Joseph u Margaret konjugi Micallef (fol. 53). Dakinhar stess inghata avviz li Tom Broome, l-attrici, Mario Peterson, Margaret Micallef, Margaret Higgins u Dr Zoran Jankovic kienu rrizenjaw minn membri tal-kumitat (fol. 24).

viii. Fis-27 ta' April 2009 l-oggetti li kienu jinsabu fil-fond ta' San Gwann thallew barra l-clinic li l-organizazzjoni kellha fil-Marsa (ara ritratt a fol. 111)[1];

ix. F'Mejju 2009 u Frar 2010, gew pubblikati avvizi f'gazzetti lokali li

[1] Jirrizulta li dakinhar Margaret Micallef baghtet email lil Robert Mifsud fejn infurmatu: *"all of the stock from the San Gwann shop is now on the pavement outside the clinic it is up to yourselves to see to it now. It is secured till nine o'clock."* (fol. 120).

l-atturi, Tom Broome u Dr Zoran Jankovic ma kellhmx iktar x'jaqsmu ma' Happy Paws Charity Organisation (fol. 108-110).

3. Hu evidenti li matul is-sena 2009 inqala' dizgwid bejn l-atturi, il-konvenuta u xi nies ohra. Minn dokumenti li hemm fl-atti (fol. 90-92) jirrizulta li l-attrici, il-konvenuta, Marion Peterson, Carmel Mintoff u Robert Mifsud kienu parti mill-Kumitat tal-organizazzjoni. M'hemmx prova li l-konvenuta u Mifsud kienu gew infurmati bil-laqgha li saret fit-3 ta' April 2009. It-terminazzjoni tal-kirjiet li kellha l-organizazzjoni wassal sabiex ma baqax ikollha ntrojtu minn dawk il-hwienet. Ghal dak li jikkoncerna:

   i. **L-ewwel stqarrija** – huwa veru li l-kirjiet minn fuq isem l-organizazzjoni dahru fuq isem l-attrici (fil-kaz tal-hanut ta' San Pawl il-Bahar) u Maria Peterson [2] (fil-kaz tal-hanut ta' San Gwann). Inoltre, bil-fatt li l-kirjiet ma baqawx f'isem l-organizazzjoni u l-atturi ddikjaraw li ma ridux ikollhom konnessjoni maghha, kien evidenti li l-organizazzjoni tilfet l-introjtu li kien ikollha mill-bejgh li kien isir fil-hwienet ta' San Gwann u San Pawl il-Bahar. Wara kollox hekk iddikjaraw l-attrici u Marion Peterson fl-ittra tal-20 ta' April 2009 (fol. 99). Inoltre, dan hu l-messagg li l-qorti fehmet li nghata bl-ittra legali tat-8 ta' Mejju 2009 (fol. 2009).

   ii. **It-tieni stqarrija** – huwa minnu li żewġ membri tal-kumitat dawru l-kirjiet f'isimhom. Il-kelma *"dumped"*, li jidher li kienet dak li dejqet lill-attrici mill-istqarrija[3],m'hijiex malafamanti. Fl-istqarrija l-attriċi ma ssemmitx b'isimha, u ġiet semplicement rapportat stat ta' fatt li oġġetti li kien hemm f'wieħed mill-ħwienet ġew 'dumped' barra fit-triq. Ir-ritratt pubblikat mal-istqarrija (ara wkoll ritratt a fol. 55) juri kif l-oġġetti tal-organizazzjoni li kienu fil-hanut ta' San Gwann, ġew mitluqa fuq il-bankina wara l-bieb tal-*clinic* fil-Marsa. Dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-fatt li qabel l-organizazzjoni ngħatat avviż sabiex tagħmel l-arranġamenti biex tiġbor l-oġġetti, ma kienx jiġġustifika li l-oġġetti jiġu mitluqa barra fit-triq. L-istess jinghad fir-rigward tal-kliem, *"unceremoniously changed the locks, and took over the leases…."* Mill-minuti tal-laqgha li saret fit-3 ta' April 2009, u fir-rigward ta' liema m'hemmx prova li l-konvenuta u oħrajn kienu ngħataw avviż dwarha, hu evidenti li l-persuni li kienu preżenti għal dik il-laqgħa għamlu l-posizzjoni tagħhom ċara li ma kienx beħsiebhom jibqgħu nvoluti fl-organizazzjoni. Tant hu hekk li fil-minuti jingħad: *"It was unanimously agreed there is no point in trying to continue working with Maike Beekman, Robert Mifsud and Lino Mintoff. The five committee*

[2] U persuni ohra.
[3] Ara affidavit tagħha (fol. 22).

*members present, who represent a majority of Happy Paws Committee, agreed to distance themselves from these people"*. Dakinhar stess ittiehdet id-decizjoni li l-kirjiet tal-hwienet jigu terminati. Ċirkostanza oħra li tikkonferma kemm dawk prezenti għal laqgħa kienu ser jitilqu mill-organizazzjoni, kif fil-fatt ġara ftit ġranet wara. Bid-decizjoni li ttiehdet fit-3 ta' April 2009 u bit-terminazzjoni tal-kirjiet, l-organizazzjoni ġiet svestita mill-hwienet u spicca l-introjtu li kellha minnhom. Kollox seħħ f'temp ta' 48 siegħa, tant li fil-laqgha li saret fl-1 ta' April 2009 u li ghaliha kienu preżenti wkoll il-konvenuta u Robert Mifsud, ma jirriżultax li ngħatat xi indikazzjoni li ser jiġri dak li fil-fatt ġara jumejn wara. Għalhekk l-użu tal-kelma *"unceremoniously"* fit-tieni stqarrija, kienet flokha. Għalkemm l-attrici ssostni li ma bidlitx is-serratura ghall-ħanut ta' San Pawl il-Baħar u m'hemmx prova li fil-fatt bidlitha, jibqa' 'l fatt li fl-ittra legali tat-8 ta' Mejju 2009 l-organizazzjoni ġiet infurmata, *".... that this new lease has no purpose attached to Happy Paws Charity Organization and hence the Organization is no longer to be considered as associated with this new lease with the premises 50, Toni Bajada Street, St. Paul's Bay."* Fil-fatt fis-6 ta' April 2009 l-attrici qabdet u ffirmat ftehim ma' sid il-kera li bih itterminat il-kirja tal-hanut ta' San Pawl il-Baħar. B'dak li għamlet l-attrici fis-6 ta' April 2009 svestiet lill-organizazzjoni mill-pussess tal-fond, u dan minkejja li l-intenzjoni tagħha kienet li tirrizenja mill-kariga ta' President tal-organizazzjoni u taqta' kull kuntatt minnha. Aġir mhux korrett meta tqies li l-inkwilina ma kinitx l-attrici iżda Happy Paws Charity Organization.

B'dak pubblikat fl-istqarrijiet kien qieghed sempliċement jiġu rapportati fatti li seħħew u xejn iktar.

4. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, dan hu relatat mal-kumment li għamlet il-qorti li:

> *"Hija certament tal-misthija ghar-rikorrenti illi ppruvaw juzaw il-Qrati ta' Malta sabiex jheddu u jissanaw il-hazin illi huma kienu ghamlu meta unilateralment u minghajr ebda dritt hadu l-pussess taz-zewgt hwienet illi kienu mikrija f'isem l-ghaqda u dawwruhom f'isimhom imbaghad, sussegwentement, għarrfu lil kulħadd, permezz ta' riklami (fol. 109 sa 110) illi huma ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-ghaqda u jiddissasoċjaw ruħhom totalment minnha."*

Il-qorti kellha kull dritt tesprimi l-fehma tagħha. Għalkemm fi proċeduri kriminali l-attriċi kienet ġiet liberata minn akkużi li ħadet il-liġi b'idejha, jibqa' l-fatt li flimkien ma' oħrajn iddeċidiet li ma kienx ser ikollha x'taqsam iktar mal-organizazzjoni. Deċiżjoni li kellha kull dritt li tieħu. Pero' ma waqfitx hemm. Meta kien evidenti li ma kinitx ser tibqa' nvoluta fl-organizazzjoni, itterminat il-kirja tal-fond ta' San Pawl il-Baħar li mill-provi rriżulta li kienet tal-organizazzjoni u mhux tal-attriċi.

Aġir li tellef lill-organizazzjoni mill-introjtu li kellha mill-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Jekk kien hemm xi ħadd li kien gustifikat li jipproponi proċeduri ġudizzjarji kien bla dubju l-organizazzjoni. L-attriċi xehedet li talbet apoloġija u sabiex jiġi rtirat il-kliem li ntqal fl-istqarrijiet (fol. 23). Jekk kien hemm xi ħadd li messu għamel apoloġija kienet l-attrici lill-organizazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attriċi. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-attriċi thallas lill-konvenuti l-ispejjez ghal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12).**

Anthony Ellul.